## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SUPRETENDENT JOSRIC MIFSUD, SPETTUR HUBERT CINI, SPETTUR SILVIO MAGRO) V. ANTHONY DARMANIN (KI. 473661M), KEVIN PERRY (KI. 208472M), MELVIN HABER (KI. 274872M), IAN KEITH CILIA PISANI (KI. 351577M), CHRISTOPHER (CHRISTOPHER JOSEPH) SULTANA (KI. 393474M) U DAVID BUGEJA (KI. 536377M), *OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS U OMISSIS*

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Diċembru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Anthony Darmanin ta' 53 sena, iben Emanuel u Maria Theresa nee' Debono, imwieled Attard, nhar id-09 ta' Ġunju, 1961, residenti fil-fond numru 296, Triq San Pawl, Valletta, detentur tal-karta tal-identità' numru 473661M, Kevin Perry ta' 43 sena, iben Vincent u Carmen nee' Farrugia, imwieled Pietà, nhar l-4 ta' Mejju, 1972, residenti fil-fond numru 95, Aurora, Triq Ġuze' Ellul Mercer, Qormi, detentur tal-karta tal-identità numru 208472M, Melvin Haber ta' 43 sena, iben Joseph u Maria Carmela nee' Azzopardi, imwieled Attard, nhar l-10 ta' Ġunju, 1972, residenti fil-fond numru 15, Ortensia, FI 1, Triq il-Gnien, Naxxar, detentur tal-karta tal-identità numru 274872M, Ian Keith Cilia Pisani ta' 38 sena, iben Anthony u Josephine nee' Schembri, imwieled San Ġiljan, nhar il-20 ta' Ġunju, 1977, residenti fil-fond numru 82, Hagrat, FI 2, Triq Fisher, Mġarr, detentur tal-karta tal-identità numru 351577M, Christopher (Christopher Joseph) Sultana ta' 41 sena, iben Anthony ,u Josephine nee' Cachia, imwieled Pietà, nhar is-07 ta' Awwissu, 1974, residenti fil-fond numru 16, Belvedere, Triq Giovanni Barbara, Lija, detentur tal-karta tal-identità numru

393474M, David Bugeja ta' 38 sena, iben Geatano u Rose nee Micallef, imwieled San Giljan, nhar it-13 ta' Ottubru 1977, residenti fil-fond numru 'Binja Indipendenza, Ent D, FI 5, Triq ld-Disgha Ta' Frar, 1799, San Ġwann, detentur tal-karta tal-identità numru 536377M ("l-imputati"), *omissis, omissis, omissis, omissis* u *omissis* li fost oħrajn tressqu quddiemha fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2016 u ġew akkużati illi nhar l-4 ta' Ottubru 2015, f'dawn il-Gżejjer għal ħabta tas-sagħtejn ta' waranofsinhar (14.00hrs) ġewwa Park numru 4, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Hal Farruġ, limiti ta' Hal-Luqa, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħhom jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti waqt l-avveniment Paqpaqli għall-Istrina, 2015:

1. Involontarjament, ikkaġunaw feriti ta' natura gravi fuq diversi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 226, tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u

2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi għamlu ħsara f'diversi vetturi bil-mutur ai termini tal-Art. 328 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

wara li rat illi l-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li rat li fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2016 l-imputati wieġbu li ma kienux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom,

wara li rat illi sussegwentement għall-ħatra tal-Maġistrat Aaron M. Bugeja bħala Imħallef, il-kawża kienet ġiet assenjata lil din il-Qorti diversement presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li rat illi b'digriet maħruġ fit-28 ta' Ottubru 2019 il-Maġistrat Nadine Lia kienet astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża u sussegwentement bl-ordni tal-STO Prim Imħallef tal-31 ta' Ottubru 2019 il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta,

wara li rat illi fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2023, l-imputati rreġistraw ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom,

wara li rat li l-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħhom fis-sens li jekk itennu l-ammissjoni tagħhom huma kienu ser jiġu misjuba ħatja u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi,

wara li rat li s-seduta ġiet posposta għal ftit minuti u l-Qorti tat żmien biżżejjed lill-imputati sabiex jiddeċiedu jekk humiex sejrin jerġgħu lura mill-ammissjoni reġistrata minnhom, fil-presenza tal-konsulenti legali rispettivi tagħhom u wara li kkonferixxew

magħhom, l-imputati wieġbu li huma ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom,

wara li semgħet ix-xhieda u/jew fejn applikabbli qrat it-traskrizzjonijiet tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Qorti qabel xejn tissottolinea dak li kien diġà ntqal permezz tad-digriet tagħha tal-15 ta' Frar 2019 u ċioe illi:

> *"minħabba li dan kien każ ta' ċertu komplessita', il-Qorti għażlet li tagħti importanza akbar lil din il-kawża billi mxiet b'mod iktar rigoruż minn dak mistenni minnha mill-Liġi li tirregola l-proċeduri sommarja. Tant hu hekk li a benfiċċju tal-partijiet kollha żammet numru kbir ta' seduti fejn il-Prosekuzzjoni u l-Parte Civile ingħataw l-opportunita' li jressqu l-provi u x-xhieda tagħhom, dejjem fil-presenza tal-imputati kollha, bil-possibilità' li kulħadd jagħmel il-mistoqsijiet li kienu ammissibbli u rilevanti – in eżami daqskemm in kontroeżami. Il-Qorti mhux biss imxiet mal-artikolu 376 tal-Kodiċi Kriminali talli għal darb'oħra marret oltre minn dak mistenni minnha fi proċeduri sommarja billi anke marret lil hinn minn dak dispost mill-Artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali. Anzi semgħet mhux biss ix-xhieda tax-xhieda li xehdu fil-kors tal-inkjesta maġisterjali, talli kull xhud kellu d-deposizzjoni tieghu reġistrata b'reġistrazzjoni awdjo – u oħrajn li kienu barra minn Malta."*

2. Din il-kawża li hija waħda distrettwali kienet tinvolvi s-smiegħ ta' għexieren ta' xhieda inkluż l-esperti li ġew maħtura sabiex jirrelataw dwar materji li jaqgħu fil-kompetenza tagħhom oltre dawk li xehdu u rrelataw fl-inkjesta tal-*in genere* voluminuża li saret appena seħħ l-inċident in kwistjoni.

3. M'huwiex kuntestat u filfatt tressqu diversi provi f'dan ir-rigward illi l-inċident ħalla impatt konsiderevoli fuq diversi persuni inkluż fuq Marthese Grech, il-minuri Giulia Grech, Antonio Vella, Nicola Sammut, Sergio Polidano, Charlot Farrugia, Alexander Ellul, Pierre Farrugia u Gustav Cauchi ("il-*parte civile*").

4. Għalhekk meta fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2023, l-imputati rreġistraw ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, minkejja illi din l-ammissjoni ċertament ma waslitx fi stadju bikri tal-proċeduri, fil-kunsiderazzjoni

tal-piena idoneja l-Qorti tkun qed tonqos jekk ma tagħtix kas ukoll il-veduti tal-*parte civile* f'dan ir-rigward.

5. Kemm min-nota ppreżentata minn uħud mill-*parte civile* a fol 7475 sa 7476 tal-proċess u kif ukoll mit-trattazzjoni li saret dwar il-piena jirriżulta illi hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni, il-*Parte Civile* u d-Difiża illi ikun idoneju illi minflok piena karċerarja u/jew pekunjarja, l-imputati jitqegħdu taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ai termini tal-Art. 11 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Il-Qorti hija sodisfatta, wara li kkunsidrat iċ-ċirkostanzi tal-ħatja u r-rapporti verbali ppreżentati minn numru ta' *Probation Officers* a fol 7488 *et. seq.* illi jkun adatt li l-imputati jagħmlu xogħol ta' servizz fil-komunita' u illi jistgħu jsiru arranġamenti għal dan ix-xogħol. Inoltre l-imputati jaqblu ma' din l-ordni u ser jiffirmaw il-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-komunità.

7. Il-Qorti għalhekk hija pjenement sodisfatta illi ordni bħal din apparti illi taqa' fil-parametri tal-liġi tkun ukoll waħda illi tindirizza parti mill-ħsara illi l-imputati ikkaġunaw billi tipprovdilhom l-opportunita' illi jagħtu xi ħaġa lura lis-soċjetà.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 226 u 328 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Art. 11 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi issib lill-imputati ħatja fuq ammissjoni tagħhom stess tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom, minflok timponi piena karċerarja qegħda tpoġġi lill-ħati Anthony Darmanin taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità għal perjodu ta' mitejn ħamsa u sebgħin (275) siegħa (u fir-rigward ta' dan l-imputat il-Qorti tirrakkomanda illi s-siegħat ta' servizz jingħataw lil Hospice Malta) u lill-ħatja Kevin Perry, Melvin Haber, Ian Keith Cilia Pisani, Christopher (Christopher Joseph) Sultana u David Bugeja taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità għal perjodu ta' mitejn (200) siegħa liema ordni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fl-ordnijiet annessi li jifformaw parti integrali mis-sentenza fosthom illi s-siegħat ta' servizz jingħataw b'xejn fi żmien sentejn mil-lum. Il-Qorti tat din l-ordni wara illi spjegat lill-ħatja bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-ħatja jonqsu li jikkonformaw ruħhom magħha jew jagħmlu xi reat ieħor, il-ħatja jkun jistgħu jingħataw sentenza għar-reati oriġinali**

**Il-Qorti qed tordna wkoll li ai termini tal-Art 533 tal-Kap 9 il-ħatja jħallsu, kull wieħed, parti minn tlettax (1/13) tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Periti u Esperti f'din il-kawża inkluż fl-inkjesta (total ta' €28,034.22) , ċioe l-ammont ta' € 2,156.48 kull wieħed sa mhux iktar tard minn xahrejn millum.**

**Il-Qorti qed tordna illi kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunità tintbagħat lill-ħatja, lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u lil Hospice Malta.**

V.G. Axiak

Maġistrat

Y. M. Pace

Dep. Reġistratur